MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2014

Numru. 357/2010

**Il-Pulizija**

**(Spettur Johann J. Fenech)**

**vs.**

**Silvano Cilia**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Silvano Cilia bin Emanuel u Georgina nee' Cutajar, imwieled Pieta' fis-16 ta' Marzu 1975, residenti Nru 5, Triq Santa Marija, Sqaq Nru 4, Ghaxaq jew 'Pija', Flat 1, Triq San Tumas, Safi, u detentur tal-karta tal-identita' numru 150275M.

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fl-20 t'Ottubru 2010 u matul is-sitt xhur ta' qabel din id-data, b'diversi azzjonijiet maghmula fi zminijiet u postijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga erojina, specifikata fl-Ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, lill-persuna/i jew ghall-persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta u minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga msemmija, minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-dispozizzjonijiet tas-sitt (6) taqsima tal-Ordinanza msemmija, u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga, u dan bi ksur tar-regolament numru 4 tar-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Kellu fil-pussess tieghu d-droga erojina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli 1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza

dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu personali tieghu;

3. Ikkommetta l-imsemmija reati fi jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' skola, club jew centru taz-zaghzagh jew xi post iehor fejn normalment jiltaqghu iz-zaghzagh skond l-artikolu 22(2b) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija gentilment mitluba titratta mal-imputat bhala wiehed li sar recediv b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) moghtija mill-Magtistrat Dr. A. Lofaro LL.D. fit-23 ta' Lulju, 2002.

Il-Qorti hija wkoll mitluba li f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-artikolu 533(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu tnejn (2) ta' l-Artikolu 22 ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti;

Semghet it-trattazzjoni finali tal-parijiet.

Ikkunsidrat:

**Kunsiderazzjonijiet dwar Htija**

Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri kriminali huma s-segwenti:

1. Fl-14 ta’ Lulju 2014, membri tal-Iskwadra kontra d-Droga kienu qed jaghmlu *observation* fejn l-iskola taz-Zurrieq u xi membri ohra kienu u ftit aktar il-boghod kien hemm xi membri ohra tal-istess Skwadra.
2. Hin minnhom, il-pulizija ta’ hdejn l-iskola raw lill-imputat jaghmel kuntatt ma’ xi hadd li gie b’van, u jghaddilu xi haga.
3. Il-Pulizija ta’ hdejn l-iskola taw istruzzjonijiet lill-Pulizija li kienu iktar il-fuq biex iwaqqfu l-van, kif fil-fatt ghamlu u waqqfuh. Ix-xufier kien certu Marphil Gauci.
4. Marphil Gauci gie arrestat mill-Pulizija u hu rrilaxxa stqarrija bil-gurament quddiem Magistrat, fejn ammetta li meta gie arrestat kien ghadu kif xtara pakkett eroina minghand l-imputat, izda kif ra li kien qed jigi segwit mill-Pulizija, rema l-pakkett minn barra t-tieqa tal-van. Fl-istqarrija huwa jirreferi ghal min bieghlu d-droga bhala “Mario”, pero meta gie muri ritratt tal-imputat, hu ikkonferma li dik kienet il-persuna minghand min xtara l-eroina.[1]
5. Fl-20 ta’ Ottubru 2010 fil-ghodu, l-imputat gie mwaqqaf gewwa l-Ghassa taz-Zurrieq, fejn mar jiffirma l-*bailbook*, peress li kien inghata l-*bail* fuq kaz iehor kriminali li kellu pendenti. Saret tfittxija fuq il-persuna tal-imputat u fil-but tal-qalziet instabu sbatax (17)-il pakkett suspettati li fihom id-droga eroina, u mija hamsa u sebghin Euro (€175.00) flus kontanti.
6. Wara saret tfittxija fir-residenza tal-imputat u fil-kamra tas-sodda instabet kantuniera ta’ borza tal-plastic vojta.
7. Fl-istqarrija tieghu, l-imputat cahad li hu jbiegh id-droga u li l-pakketti ta’ eroina li instabu fuqu kienu intizi kollha ghalih.
8. Fir-rapport tieghu, l-espert l-Ispizjar Mario Mifsud ikkonkluda illi:
   a) Ma nstabux sustanza illegali fil-borza zghira tal-plastik.
   b) Fit-trab kannella li kien hemm fi sbatax (17) –il borza tal-plastik trasparenti, f’ammont nett totali ta’ 2.24 grammi, instabet is-sustanza herojina. Il-purita tal-herojina kienet ta’ circa 32.7%.

Ghalhekk dak li din il-Qorti trid tiddeciedi huwa jekk l-imputat kienx qed jittraffika d-droga eroina, u jekk is-sbatax (17)-il pakkett eroina li instabu fuqu kienux intizi ghall-uzu personali tieghu, kif qed jallega hu, jew jekk kienux intizi ghall-ispacc jew ma kienux ghall-uzu esklussiv tieghu kif qed tallega l-prosekuzzjoni.

[1] Ara l-istqarrija guramentata fil-*proces verbal* ezebit bhala Dok OD a fol. 23 tal-process.

PC 213 Nicolai Borg xehed li hu kellu istruzzjonijiet jaghmel *observation* fuq l-imputat. Fit-2 ta' Lulju 2010 mar iz-Zurrieq fejn it-Terminus Bar u fejn l-iskola primarja, u ra lill-imputat fejn it-Terminus Bar ghal habta tat-8.00am u beda jarah jinzel fejn l-iskola u jaghmel xi kuntatti ma' xi nies. Il-kuntatti kienu ta' ftit sekondi u jitilqu. Il-kuntatt kien ikun li l-imputat jaghti xi haga hu u jiehu l-flus lura. L-istess xhud rega' mar jaghmel *observation* fl-14 ta' Lulju 2010, fejn ra lill-imputat jaghmel kuntatt ma' persuna li gie b'van abjad.[2]

Din il-persuna kienet Marphil Gauci, li sussegwentement gie arrestat, bil-mod deskritt iktar il-fuq. Fix-xhieda guramentata tieghu Marphil Gauci qal li mar hdejn l-iskola taz-Zurrieq biex jixtri pakkett eroina ta' €10.00 minghand l-imputat, pero huwa rema l-pakkett kif induna li l-pulizija kienu warajh. Huwa qal li kien cempillu fil-ghodu fuq il-*mobile*, u l-imputat qallu biex imur fejn il-lettrina taz-Zurrieq. Huwa xehed illi *"nahseb li ilni xahrejn nixtri minghandu."* Kien dejjem jixtri pakkett, u l-imputat dejjem zammlu l-istess prezz.[3]

Meta Marphil Gauci xehed quddiem din il-Qorti rrepeta l-istess verzjoni tal-fatti hlief li qal li dak in-nhar li gie arrestat, cioe l-20 ta' Lulju 2014 kienet l-ewwel darba li hu kien xtara l-eroina minghand l-imputat.[4] Meta l-Ufficcjal Prosekutur irrinfaccah bil-fatt li fl-istqarrija guramentata huwa xehed li kien ilu jixtri xaharejn minghand l-imputat, Gauci wiegeb *"Ma niftakarx ezatt x'ghidt fuq l-istatement"* u iktar tard jghid *"Ma niftakarx li ghidtlek hekk"* u iktar tard jghid li *"forsi ma ndunajtx"* li dak li kien hemm miktub fl-istatement mhux korrett. Mistoqsi jekk hemmx xi affarijiet ohra fl-istqarrija li mhux qed jaqbel maghhom wiegeb *"Ma nahseb li hemm xejn"*.

Din il-Qorti m'ghandhiex ezitazzjoni li tghid li ma ssibx ix-xhieda li ta Marphil Gauci quddiemha, u cioe li huwa darba biss xtara l-eroina minghand l-imputat bhala kredibbli. Kieku dan kien veru, Gauci ma kienx ikun f'posizzjoni li jaghti id-dettalji kollha li ta dwar l-imputat lil Pulizija, u probabbilment lanqas kien f'posizzjoni li jaghrfu bic-certezza li gharfu biha, kemm waqt l-interrogatorju kif ukoll waqt ix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti. In oltre, Gauci ha parir legali qabel irrilaxxa l-istqarrija tieghu, u ghalhekk kien ben konsapevoli ta' dak li kien qed jghid.

---

[2] Ara xhieda ta' PC213 Nicolai Borg a fol. 39-40 tal-process.
[3] Ara stqarrija guramentata ta' Marphil Gauci fil-*proces verbal* ezebit bhala Dok OD a fol. 23 tal-process.
[4] Ara xhieda ta' Marphil Gauci a fol. 91 *et seq.* tal-process.

Din il-konkluzjoni ta’ din il-Qorti hija konfermata bir-relazzjoni tal-*Call Profile Analysis* li ghamel l-espert Martin Bajada bejn it-telefonati li saru bejn il-mobile tal-imputat u dak ta’ Gauci.[5] Minn din ir-relazzjoni jirrizulta li l-ewwel kommunikazzjoni bejniethom saret fit-18 ta’ Gunju 2010 u l-ahhar wahda fl-14 ta’ Lulju 2010 – il-gurnata li fiha Gauci gie arrestat. B’kollox saru seba u tletin (37) telefonata maqsuma fi hmistax (15)-il gurnata.[6] Ghalhekk, Gauci kien ilu jixtri d-droga minghand l-imputat ghal xahar qabel gie arrestat.

Rigward is-sbatax (17)-il pakkett eroina li nstabu fuq l-imputat fl-20 ta’ Ottubru 2014 fl-Ghassa taz-Zurrieq, din il-Qorti ma issibx attendibbli d-dikjarazzjoni tal-imputat fl-istqarrija tieghu li din id-droga kienet intiza ghall-uzu tieghu personali. L-imputat lanqas biss ghamel attentat biex jaghti spjegazzjoni ghalfejn kellu jgorr il-pakketti kollha tad-droga li kellu fuqu – ghax fid-dar tieghu ma nstab xejn – biex sempliciment iwassal lit-tfal tieghu l-iskola. Dawn is-sbatax (17)-il pakkett kienu jvarjaw fil-piz bejn 0.07g u 0.16g.[7]

Il-Qorti ikkunsidrat li fid-dar tal-imputat, senjatament fil-kamra tas-sodda tieghu, instabet kantuniera ta’ borza vojta (li fiha ma nstabux tracci ta’ sustanzi illegali) li tindika li l-imputat kien ilesti dawn il-qratas tal-plastic, biex fihom ipoggi d-droga li jkun irid jispacca.

Ikkunsidrat ukoll illi l-sms’s fil-mobile tal-imputat li jmorru lura sat-22 t’April 2010, jindikaw ukoll li l-imputat kien involut fit-traffikar tad-droga.[8]

Fid-dawl tas-suespost, il-Qorti hija konvinta sal-grad rikjest fil-kamp penali li dak is-sbatax (17)-il pakkett li instabu fuq il-persuna tal-imputat kienu ukoll intizi ghall-ispacc.

Konsegwentement, l-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet gew ippruvati mill-Prosekuzzjoni.

---

[5] Dan ir-rapport huwa ezebit bhala Dok MB3 a fol. 123 tal-process.
[6] Ara fol. 114 tal-process.
[7] Ara relazzjoni tal-espert Spizjar Mario Mifsud ezebita bhala Dok MM1 a fol 58 tal-process.
[8] Ara pagna 7 tar-relazzjoni tal-espert Martin Bajada ezebita bhala Dok MB1 a fol. 81 tal-process.

Rigward it-tielet imputazzjoni, u cioe l-aggravju li r-reat sar fi jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru tal-postijiet elenkati fl-Artikolu 22(2)(b) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, id-difiza ivverbalizzat f'dawn il-proceduri li *"Bla pregudizzju dwar il-mertu tal-kaz, tezenta lill-prosekuzzjoni milli ggib prova ta' l-aggravju tal-mitt metru imsemmi fit-tahrika."*[9] La darba l-mertu tal-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet gie ippruvat, l-aggravju tal-mitt metru ma hux qed jigi kontestat mid-difiza, apparti li dan gie ippruvat ukoll mix-xhieda ta' PC213 Nicolai Borg.

Fir-rigward tat-raba' imputazzjoni, u cioe dak tar-recidiva, din giet pruvata bis-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta tat-23 ta' Lulju 2002 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Christie, Stephan Grech, Silvan Cilia u Kevin Sammut**.[10]

**Kunsiderazzjonijiet dwar Piena**

Dwar il-piena, din il-Qorti ikkunsidrat li l-ammont ta' 17 pakkett eroina, b'piz totali ta' 2.24 grammi, u l-fatt li mill-provi irrizulta li l-imputat kien ilu jitraffika d-droga ghal diversi xhur, ifisser li l-imputat lahaq ittraffika ammont sinifikanti ta' droga.

Ghal fini ta' piena, bl-applikazzjoni tat-teorija tal-konkors formali jew ideali tar-reati, it-tieni reat huwa assorbit fl-ewwel reat.

F'dan il-kaz hemm l-aggravju tad-distanza kontemplat fit-tieni proviso tal-Artikolu 22(2)(b) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, u ghalhekk il-piena ghandha tizdied bi grad.

Jirrizulta wkoll li dan kien reat kontinwat kif imharrek fic-citazzjoni, u ghalhekk il-piena ghandha tizdied bi grad iehor.

---

[9] Ara verbal fis-seduta tad-29 ta' Novembru 2010 a fol. 64 tal-process.
[10] Ezebita bhala Dok JF3 a fol. 29 tal-process.

Mill-fedina penali aggornata tal-imputat jirrizulta illi ghandu tnax (12)-il kundanna minn dawn il-Qrati, tlieta minnhom ta' serq aggravat.

In oltre gie ippruvat li l-imputat huwa recidiv, u fic-cirkostanzi il-Qorti hija tal-opinjoni li l-piena ghandha tizdied bi grad iehor.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikoli 22(1)(a), 22 (2) (b) (i) u t-tieni proviso tal-Artikolu 22(2)(b) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti 4 u 9 tal-G.N. 292/1939, u l-Artikoli 18, 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fil-waqt li issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih, u tikkundannah ghal piena ta' hames (5) snin prigunerija effettiva – li minnhom irid jitnaqqas kull zmien li l-hati ghamel taht arrest preventiv biss in konnessjoni mar-reati li hawn instab hati taghhom - u multa ta' erbat elef Euro (€4,000), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' mija u hamsin Euro (€150.00). L-ewwel pagament ghandu jsir mhux akar tard minn xahar mid-data li fiha l-hati jiskonta l-piena karcerarja li qed tigi b'din is-sentenza erogata, u ghall-dan il-fini r-Registratur ghandu jivverifika mal-awtoritajiet karcerarji din id-data. Pero jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) dovut.

In oltre, il-Qorti tordna lill-hati ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema spejjez jammontaw ghas-somma ta' elf mitejn u erba' u ghoxrin Euro u wiehed u disghin centezmu (€1224.91), li ghandhom jithallsu fi zmien sitt (6) xhur mil-lum, b'dan li jekk l-hati jonqos li jhallas dan l-ammont jew parti minnu fiz-zmien lilu preskritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) dovut.

Il-Qorti tordna l-konfiska tal-flus ezebiti favur il-Gvern ta' Malta.

In oltre, il-Qorti tordna li d-droga u l-affarijiet konnessi maghha ezebiti jigu distrutti taht is-supervizjoni tar-Registratur.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------